REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1516

tal-31 ta' Awwissu 2017

li jemenda għall-276 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-27 ta' Awwissu 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi", id-dejta tal-identifikazzjoni tal-entrata:

"Kevin Guiavarch. Data tat-twelid: 12.3.1993. Post tat-twelid: Pariġi, Franza. Ċittadinanza: Franċiża. Tagħrif ieħor: Jinsab fis-Sirja sa mill-2012. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.9.2014."

tinbidel b'dan li ġej:

"Kevin Jordan Axel Guiavarch. Data tat-twelid: 12.3.1993. Post tat-twelid: Pariġi, Franza. Ċittadinanza: Franċiża. Nru tal-passaport Franċiż 12CP63882.3FRA, maħruġ fil-31.7.2012 (validu sat-30.7.2022). Nru tal-identità nazzjonali: Numru tal-karta tal-identità Franċiża 070275Q007873, maħruġa fis-16.2.2007 (valida sal-15.2.2017). Indirizz: a) Grenoble, Franza (domiċilju mill-1993 sal-2012), b) ir-Repubblika Għarbija Sirjana (kien hemm bejn l-2012 u l-2016), c) it-Turkija (minn Ġunju 2016 sa Jannar 2017) d) Franza (detenzjoni minn Jannar 2017). Informazzjoni oħra: Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.9.2014."